# Is-Sliem

Jannar 2008 Nru. 220

Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali: "Villa San Filep", Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 02




"FLIMKIEN inkomplu mmexxu l-Parroċċa 'l quddiem!"

*Messaġġ ta' l-Arċipriet:*

## L-Assemblea Parrokkjali għaddiet ... u issa!!?

**Ftit tal-ġimgħat ilu għamilna l-Assemblea Parrokkjali 2007. Fiha, tajna ħarsa lura lejn il-ħidma pastorali tagħna matul is-sena li għaddiet u, fuq suġġerimenti li nġabru fl-aħħar ġimgħat, ippjanajna flimkien għas-sena li ġejja. Inħoss li kienet Assemlea organizzata tajjeb ħafna, u hawn ma nistax ma nagħtix ħajr lill-Kummissjoni "Implementazzjoni tas-Sinodu", li l-membri tagħha ħadmu bis-sħiħ biex din l-Assemblea tkun suċċess. Konvint li kull min attenda għaliha ħareġ sodisfatt. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-parteċipanti kollha.**

**Issa li l-Assemblea għaddiet, irridu naraw kif dak li tkellimna fuqu nagħtuh il-laħam; u hawn jenħtieġ li nxammru l-kmiem u nkomplu naħdmu! Konvint li flimkien ser inkomplu mmexxu din il-parroċċa 'l quddiem! Konvint li l-komunità tagħna f'Ħaż-Żebbuġ ser tgawdi l-frott ta' din il-ħidma!!**

**Il-Mulej Iberikkom!**

*Fr. Daniel Cardona* – **Arċipriet**

---

# U INT X'SER TAGĦMEL?...

## (Il-Ħidma Pastorali fil-Parroċċa)

— minn TONY CARUANA, *Chairperson* Kumm. Parr. "Implementazzjoni tas-Sinodu"

**Il-quddiesa tat-tmienja kienet għadha kemm spiċċat. In-nies bdiet riesqa lejn il-bieb biex toħroġ u tkompli l-ġurnata tal-Ħadd. Bieba minnhom kienet magħluqa u l-kju tan-nies beda jikber. Bosta nies bdew jikkummentaw. Xi ħadd instema' jgħid li l-Arċipriet missu jagħmel xi ħaġa għax din il-biċċa kienet qiegħda tiġri kull nhar ta' Ħadd. Mara nstemgħet tgħid li b'naqra paċenzja kulħadd joħroġ... kif dejjem jiġri. Raġel anzjan sostna li ż-żewġ bibien kellhom jinfetħu, iżda malli wasal biex joħroġ, dan baxxa rasu u baqa' sejjer għax kien mgħaġġel. Imma, Ġanni, malli wasal fejn il-bieb, niżżel il-firroll u fetaħ il-bieba l-oħra qabel ħareġ, biex b'hekk, ta' warajh, ma jdumux jistennew ħafna.**

Il-ħidma pastorali fil-parroċċa tixbaħ ħafna lil dan ix-xenarju. Bosta jkunu minn ta' quddiem sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq x'għandu jsir jew fuq x'imissu jagħmel l-Arċipriet; imma ftit huma dawk li lesti jagħtu s-sehem tagħhom. Madankollu, kull nisrani membru tal-Knisja għandu jħoss id-**dmir** li jagħti sehem fil-ħidma tal-parroċċa. Mill-kitbiet ta' l-Isqof San Ġwann Kriżostmu dwar l-Atti ta' l-Appostli, kif irrifflettejna waqt l-Assemblea Parrokkjali li nżammet f'Novembru li għadda, nistgħu nisiltu dawn il-ħsibijiet:

- Li inti fqir, mhux ostaklu biex tagħti sehmek, meta tiftakar f'dik l-armla li tefgħet dawk il-ħabbtejn fit-teżor tat-tempju.
- Li inti ta' saħħa dgħajfa, m'għandux jaqtagħlek qalbek, għax Timotju wkoll kien ta' saħħa dgħajfa u sikwit kien ibati l-mard.

(għal paġna 2)

(minn paġna 1)

- Meta tħares lejn l-Appostli, li kienu nies komuni għall-aħħar, l-iskuża li inti m'inti xejn jew bla tagħlim, ma treġix.

Ma' dawn, jien inżid l-iskuża li llum saret tant komuni: "M'għandix ħin jew ċans!". Kif tista' tgħid hekk, meta taqra l-Vanġelu u tara kif Ġesù, għalkemm għajjien, ċanfar 'l-Appostli meta dawn ma ħallewx it-tfal imorru għandu. U kif Ġesù kien jiltaqa' ma' Nikodemu fis-sigħat tal-lejl, wara ġurnata jippriedka u jagħmel il-ġid, li żgur kienet tħallih bla saħħa! U min jaf kemm-il darba qasam għax-xaqliba l-oħra, biex isib ftit tal-kwiet, u jsib folol kbar jistennewH!

Wara kollox, fejn hemm ir-rieda tajba u jekk wieħed jagħmel kull ma jista', kulħadd għandu l-ħila biex jgħin lill-proxxmu tiegħu. Għal dan il-għan, fix-xhur li ġejjin il-parroċċa sejra tniedi reġistru ta' "parruċċani b'missjoni" – lajċi impenjati fil-ħidmiet tal-parroċċa u nies anke morda li lesti joffru t-talb tagħhom għall-parroċċa. Il-ħsieb hu li anke t-tfal ta' wara l-Griżma, speċjalment meta l-età togħla, jibdew jitniżżlu f'dan ir-reġistru u jkunu orjentati biex jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-parroċċa. Dan qegħdin nagħmluh għax nemmnu li kulħadd jista' u għandu jagħti sehem fil-parroċċa.

<u>Il-Ħtieġa ta' Formazzjoni Kontinwa</u>

Qawl Ċiniż jgħid li t-tagħlim hu teżor li ġġorru miegħek kull fejn tmur tul ħajtek kollha. Taf kemm taf, it-tagħlim qatt mhu biżżejjed. Fir-realtà tas-sitwazzjoni fid-Djoċesi ta' Malta, fejn in-numru ta' qassisin qiegħed dejjem jonqos, hu importanti li jkollna aktar lajċi li jgħinu fil-ħidma pastorali. Iżda hu aktar importanti – anzi hu essenzjali! – li dawn il-lajċi jirċievu formazzjoni kontinwa. B'dan il-ħsieb, f'Ottubru li għadda organizzajna kors dwar il-Vanġelu ta' San Mark, mill-istudjuż tal-Bibbja, Dun Karm Attard. Kien ta' inkoraġġiment li għal dan il-kors attendew madwar mitt persuna. Għalhekk din is-sena sejrin norganizzaw korsijiet oħrajn fuq il-katekiżmu u fuq it-talb fil-familji. L-appell hu li aktar nies jitħajru jattendu, mhux biss għal dawn il-korsijiet, iżda għal diversi laqgħat ta' formazzjoni li jsiru tul is-sena, sew minn għaqdiet f'Ħaż-Żebbuġ, u wkoll fuq livell nazzjonali.



**"L-APPOSTLI.... kienu nies komuni għall-aħħar...."**

Sfortunatament għad hawn tendenza li, wara l-Griżma ta' l-Isqof, in-numru ta' tfal li jibqgħu jattendu għad-duttrina jonqos sew. Dalwaqt ser isir stħarriġ sabiex naraw eżatt is-sitwazzjoni x'inhi. Hija ħasra li hawn din il-mentalità li, wara l-Griżma m'għandekx għalxiex tattendi iżjed għall-katekiżmu; u dan meta wieħed iqis in-numru ta' possibiltajiet li jeżistu f'dan ir-raħal! Għandna ċentri tal-MUSEUM, kemm għall-bniet kif ukoll għas-subien, kif ukoll il-*Legion of Mary*, l-Azzjoni Kattolika u ċ-ċentru "Ta' Warda". Żgur li xi wieħed minn dawn iċ-ċentri għandu jolqot il-gosti ta' min ikun!

Din l-idea ta' formazzjoni tinsab fil-qalba tal-ħidma pastorali li għaddejja bħalissa. Qiegħda ssir ħidma ma' l-abbatini, kif ukoll qegħdin isiru

(għal paġna 3)


## AESTHETIC X-CELLS

*by Tanya*

Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ – Tel: 21465150 Mob: 9948 7857.

**Air Brushed Make-Up for your Wedding Day!**

For truly flawless and even coverage air brush make up is excellent for your special day. Air brush make up is long lasting, water resitant and sweat proof ideal for the bridesmaids, mother of the bride and anyone else in the wedding party.
Consultations and trials are included before the event available seven days a week in the comfort of your own home.



**Other services offered:** Evening and morning make-up – Corrective make-up (camouflage) – Catwalk make-up – Hollywood Eyelash Extensions **NEW –** Fantasy make-up including Carnival and face painting – Nail Treatments (Manicures & Pedicures)

HD ready DVD rentals

**Sylvester Coleiro**
**New Street in Triq Ħal Mula Ħaż-Żebbuġ.**

*DVD, Hi-fi, RENTALS*

*Mondays to Saturdays:*
9.00 - 12.00 (noon)
4.00 – 8.00pm.
*Sundays:*
9.00am. – 12.00 (noon).
*Tel.:* 9947 2525; 7947 2525.

(minn paġna 2)

laqgħat speċjali ta' talb, fid-dar ta' l-Arċipriet, għal tfal li jattendu ċ-ċentri tal-katekiżmu. Fil-qasam tad-djakonija wkoll qegħdin infittxu li jkollna nies imħarrġin biex jagħtu sehem professjonali f'dan il-qasam. Qegħdin ukoll nistudjaw il-possibiltà li koppji li jkunu attendew il-kors ta' Kana bħala preparazzjoni għaż-żwieġ, ikomplu jiltaqgħu fi gruppi, fuq bażi volontarja, wara li jkun spiċċa l-kors.

Flimkien fi Kristu Għas-Servizz tal-Bniedem

Din hi t-tema ċentrali li tiġbor fiha l-ħidma pastorali ta' dawn is-sentejn. Infetaħ iċ-Ċentru għall-Persuni b'Diżabbiltà u qegħdin isiru diversi attivitajiet fih. Hemm il-ħsieb li kontinwament nistudjaw il-possibiltajiet ta' kif jitjiebu s-servizzi offruti f'dan iċ-Ċentru. Il-ħsieb hu wkoll li jsiru attivitajiet speċjail għal gruppi partikolari ta' nies, fosthom, ir-romol, il-familji u ż-żgħażagħ. Sabiex dan iseħħ, il-parroċċa għandha numru ta' kummissjonijiet biex jgħinu lill-Arċipriet fil-ħidma pastorali.

Il-Liturġija

Aspett importanti fil-ħajja tan-nisrani hu, li, kull individwu hu parti minn knisja – knisja waħda. Għalhekk fil-ħajja tiegħu n-nisrani jrid jgħix din ir-realtà; hu dmir tiegħu li jkun ta' servizz għall-oħrajn, kif ukoll hu dmir tiegħu li jieħu sehem f'talb u attivitajiet komunitarji. L-akbar talba tan-nisrani hi l-quddiesa, għax fiha nissieħbu mal-qima u r-ringrazzjament li Ġesù nnifsU jagħti lil Alla waqt li joffri lilU nnifsU! Il-quddiesa tal-Ħadd, għalhekk, għandha tkun esperjenza unika għal kull nisrani. Biex dan iseħħ, kull wieħed u waħda minna irid ikun konvint mit-tifsira tal-quddiesa. Ma tagħmilx sens li xi ħadd jgħid li ma jmurx il-quddies għax l-omelija jew il-kant idejquh, għax dan, bi kliemu jkun qiegħed juri li għadu ma fehemx x'inhi l-quddiesa. Huwa l-**individwu** li jrid jagħti sens lill-quddiesa li jieħu sehem fiha!



**ĦIDMA b'riżq l-ABBATINI u t-TFAL ta' WARA L-GRIŻMA.**

L-idea li fil-parroċċa tagħna jkollna quddies bi stili differenti, ma jżidx jew inaqqas mill-mertu indiviwali ta' kull quddiesa li niċċelebraw fil-parroċċa tagħna. L-iskop hu li, meta, bħala eżempju, norganizzaw quddiesa għat-tfal, din l-esperjenza sservi ta' formazzjoni għall-istess tfal li, bis-sehem aktar attiv tagħhom fil-quddiesa, jibdew jifhmu aktar l-għaliex il-quddiesa hi talba daqshekk importanti!

Nifhmu wkoll, li ta' bnedmin li aħna, aħna għandna gosti u xejriet differenti. Dak li lil wieħed jgħinu aktar biex jidħol fil-preżenza t'Alla, lill-ieħor jista' jxekklu. Għalhekk, aħna ffortunati li fil-parroċċa tagħna wieħed jista' jagħżel dik il-quddiesa li l-

(għal paġna 4)

FUNERAL SERVICES

JOHN SPITERI
(TAX-XEMA')

155,
TRIQ L-ISQOF CARUANA,
ĦAŻ-ŻEBBUG

(BISWIT IL-KUNSILL LOKALI)

TEL: 2146 4286
(matul il-jum)

MOB: 7946 4286
(24 siegħa)

PILATES / BALL / AEROBICS CLASSES

Qualified Coaching and Teaching Instructor

- Lose weight & stay healthy.
- Relieve tension & stress.
- Body toning & flexibility.
- Strengthen spine & core muscles.
- Strengthen abdominals.
- Improve posture.
- Helps the body to work better.
- Build up your stamina.
- Low & high impact Aerobics.
- Relaxation & stretching.

Look Good...
Feel Good...
Marika
7990 8990



Morning and Evening (1 hour) classes available.
A choice of different days / times available for your convenience.
The classes are held in a fully air conditioned studio with rubber flooring & full length wall mirrors @ St. Dorothy's Sports Complex, Mdina Road, Zebbug.
LARGE PARKING SPACE AVAILABLE
HELP YOUR BODY WORK BETTER
Contact Marika on 7990 8990 ( marfar2006@onvol.net )

(minn paġna 3)

aktar iħossha tgħinu jersaq lejn Alla fit-talb.

Sabiex tkun infurmat aħjar

Kultant tiltaqa' ma' xi ħadd li jgħidlek li ma jkunx jaf eżatt x'qiegħed jiġri, x'attivitajiet ikunu ser jew qegħdin isiru, jew x'għaqdiet hawn jaħdmu fi ħdan il-parroċċa. Il-parroċċa, bl-għajnuna tal-Kummissjoni "Relazzjonijiet Pubbliċi u *Media*", dawn l-aħħar snin ħadmet bis-sħiħ sabiex l-informazzjoni tkun aċċessibbli għal kulħadd. Minbarra t-titjib fil-preżentazzjoni tan-*notice boards* u fil-*website* tal-parroċċa, din is-sena hu mistenni li jkollna f'idejna ktejjeb ta' informazzjoni fuq il-ħajja pastorali fil-parroċċa. Dan il-ktejjeb hu mistenni li jitqassam lil kull familja, sabiex iservi ta' riferenza kull meta jinqala' l-bżonn.




**"L-AKBAR TALBA tan-Nisrani hi l-QUDDIESA...."**


**IL-PROĠETT Tar-RESTAWR TAL-KAMPNARI**

**Għinna NSALVAW dal-Wirt Żebbuġi Arkitettoniku mill-Isbaħ!!**

**GRAZZI għall-ġenoriżità Dejjiema tiegħek!!**


Minbarra hekk, tul is-sena kollha tista' tgħid, qegħdin ikollna sensiela ta' żjajjar fid-djar mill-Arċipriet u membri oħrajn tal-Kleru. Dawn isiru f'żoni differenti, biex kulħadd igawdi minn din l-opportunità ta' kuntatt personali. Ta' min japprezza ħafna din l-esperjenza, speċjalment meta jħares lejn pajjiżi oħrajn, fejn il-kuntatt personali fid-djar ma' qassisin, naqas ħafna – realtà li tista' sseħħ ukoll f'Malta f'qasir żmien.

L-Isfida tal-ġejjieni

Ta' spiss nisimgħu li aħna għandna r-responsabilità li nħallu d-dinja għal ta' warajna f'kundizzjoni kemm jista' jkun aħjar milli sibnieha. Dan l-argument, ingħidu aħna, nisimgħuh ħafna f'diskussjonijiet fuq l-ambjent. Ma ninsewx, imma, li dan japplika wkoll għall-parroċċa! Irridu naraw li fil-parroċċa tagħna jkollna strutturi b'saħħithom li jilħqu l-bżonnijiet tat-tfal, żgħażagħ, koppji miżżewġin, anzjani, romol, persuni b'diżabbiltà, persuni li jkunu għaddejjin minn problemi personali, u tant oħrajn. Tajjeb li jkollna għaqdiet u kummissjonijiet b'saħħithom, b'diversi membri attivi fihom!

Ix-xogħol fil-parroċċa ma jieqaf qatt! Dejjem tista' ssib x'tagħmel! Hawn spazju għal kull min irid jagħti sehmu! Aktar minn hekk, hu **essenzjali** li **kulħadd** jagħti sehmu!! Għalhekk.... x'inti tistenna biex **inti wkoll** tagħti sehmek?!!...

***Faith is not merely praying***
***Upon our knees at night;***
***Faith is not merely straying***
***Through darkness into light;***
***Faith is not merely waiting***
***For glory that may be!***
***Faith is the brave endeavour,***
***The splendid enterprise,***
***The strength to serve, whatever***
***Conditions may arise!! (Anon).***


**TWANNY SPITERI**

**Funeral Service**

***24 Hour Service***

4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.
**Servizz tal-Kor**
**BLA ĦLAS**
Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168, 9923 5092

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE